Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,717, 11 ta' Settembru, 2026
Taqsima B

A.L. 239 tal-2026

ATT LI JIKKORDINA L-ISPEZZJONIJIET TAL-GVERN (KAP. 568)

Ordni tal-2026 li jemenda l-Iskeda li tinsab mal-Att li Jikkordina l-Ispezzjonijiet tal-Gvern

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9(2) tal-Att li Jikkordina l-Ispezzjonijiet tal-Gvern, il-Ministru responsabbli għall-kummerċ, wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Uffiċċju li Jikkordina l-Ispezzjonijiet, għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2026 li jemenda l-Iskeda li tinsab mal-Att li Jikkordina l-Ispezzjonijiet tal-Gvern u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Iskeda li tinsab mal-Att li Jikkordina l-Ispezzjonijiet tal-Gvern, hawn aktar 'il quddiem imsejħa l-"Iskeda". Kap. 568.

Jemenda l-Iskeda.

2. L-Iskeda għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-kliem "Aġenzija tal-Bini u tal-Kostruzzjoni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni";

(b) minnufih wara l-partita "Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma" tagħha għandhom jiġu miżjuda l-partiti ġodda li ġejjin:

"Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta

Awtorità tal-Istandards Għall-Persuni Anzjani

Direttorat għas-Servizzi Veterinarji".